# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR EMAN HAYMAN) V. KENNETH CASSAR (KI. 470480M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**12/10/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

talli nhar l-14 ta' Settembru, 2019 fil hin ta' bejn 00:30hrs u 01:30hrs gewwa l-Isla;

1. Saq vettura ta' l-ghamla Mercedes bi pjanca BCI 812 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont

2. Fi triq pubblika, wara li kien involut f'incident ta' traffiku, naqas bhala sewwieq, jieqaf u meta hekk kien mitlub minn xi ufficjal tal-pulizija, gwardjan lokali jew minn xi persuna ohra li jkollha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk, jaghti isem u l-indirizz tieghu, kif ukoll l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura u 'd-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru ta' registrazzjoni tal-vettura

3. U talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara fuq tlett vetturi ta' ghamliet differenti (Renault; Honda u Toyota) li jgorru 'l-pjanci AUG 285, ACL 274, LCP 458 ghad detriment tas-sidien taghhom u cioe Johan Mizzi ID 394985M, James Cosaitis ID 367765M u Raymond Ciantar ID 230864M.

u aktar talli

4. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati mill Mgt. Dr. Astrid May Grima LL.D. nhar l-27 ta' Dicembru 2018 meta inghata 'l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal €18.000;
5. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati mill Mgt. Dr. Rachel Montebello LL.D. nhar it-13 ta' Awwissu 2019 meta inghata 'l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal €7,500;

Rat illi l-Prosekuzzjoni għamlet ukoll it-talbiet segwenti:

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi *Kenneth Cassar* u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somom ta' 18,000 ewro u 7,500 ewro rispettivament jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll titrata lil *Kenneth Cassar* bhala persuna recediva meta gie is-sentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdulha u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta htija l-Qorti hija mitluba tiskwalifika lil *Kenneth Cassar* milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond it-termini

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur Spettur, illum Supretendent, Eman Hayman, James Cosaitis, Johan Mizzi, Raymond Ciantar, l-imputat Kenneth Cassar u Anita Magro;

Rat l-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni finali

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Il-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati huma kif ġej: fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Settembru 2019, ġewwa Triq iż-Żewġ Mini, l-Isla, sewwasew bejn in-nofs siegħa u s-siegħa u nofs ta' sbieħ is-Sibt 14 ta' Settembru 2019, l-imputat għal xi raġuni baqa' dieħel bil-vettura tiegħu Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni BCI 812 ġewwa wara tal-vettura Renault bin-numru ta' reġistrazzjoni AUG 285 proprjeta' ta' Johann Mizzi (KI. 394985M) li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tat-triq. Bl-impatt, din il-vettura ġiet imbuttata fuq il-vettura li kienet ipparkjata quddiemha, ċioe l-vettura Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni LCP 458 proprjeta' ta' Raymond Ciantar (KI. 230864M) li ukoll imxiet 'l quddiem u ħabtet mal-vettura pparkjata quddiemha ċioe l-vettura Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni ACL 274 proprjeta' ta' James Cosaitis (KI. 367765M). L-imputat waqaf għal sekonda u imbagħad baqa' isuq fid-direzzzjoni li kien sejjer.

Dawn il-fatti ġew ampjament ippruvati fl-assjem tagħhom mix-xhieda li ngħatat kemm mill-vittmi li soffew ħsarat fil-vetturi tagħhom[1] u kif ukoll mir-ritratti u filmati esebiti[2] mill-Prosekuzzjoni.

Inoltre l-imputat effettivament ammetta dak li seħħ, kemm fl-istqarrija tiegħu meħuda skond il-liġi[3] u kif ukoll fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2019.[4] In mitiganza ta' dak li wettaq, l-imputat xehed illi minkejja li kien jaf li huwa kien marbut b'digrieti tal-Qorti b'kundizzjonijiet ta' liberta proviżorja sabiex ma' joħroġx mid-dar tiegħu wara t-8pm[5], huwa ċempel lill-omm uliedu (Anita Magro) sabiex tiġi għalih u twasslu l-Polyclinic ta' Raħal Ġdid peress li kellu uġiegħ f'sidru u qtugħ ta' nifs u meta din irrifjutat (stante li kien hemm pendenti favur tagħha Ordni ta' Protezzjoni maħruġa mill-Qorti) huwa tant ħassu ħażin u ppanikjat li ma' kellux triq oħra ħlief li jaqbad il-vettura tiegħu u jerħilha lejn Raħal Ġdid. L-imputat spjega ukoll kif ma' setax jgħid lil missieru jgħinu minħabba li dan ibati  minn problema ta' xorb u kien f'sakra kbira. Ix-xhud Anita Magro ikkonfermat li fit-13 ta' Settembru 2019 l-imputat kien ċempillha sabiex twasslu minħabba l-uġiegħ li kellu. Ikkonfermat ukoll li ġieli wasslitu minħabba l-istat ta' saħħa tiegħu. Finalment l-imputat xehed illi l-kumpanija tal-assigurazzjoni kopriet it-tlett vittmi li soffrew ħsarat fil-vetturi tagħhom u ressaq provi f'dan ir-rigward.

Il-Qorti għalhekk tara li ġie ippruvat minimament is-sewqan bi traskuraġni kbira u b'manjiera bla kont (l-ewwel imputazzjoni) u tara li ġew ippruvati ukoll sal-grad rikjest mill-liġi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

Fir-rigward tad-digrieti tal-ħelsien mill-arrest tas-27 ta' Diċembru 2018 u tat-13 ta' Awwissu 2019, il-Qorti tara li m'hemmx dubbju li l-imputat kiser il-kundizzjoni ta' rinkażar imposti fuqu u għalhekk l-imputazzjonijiet numru 4 u 5 ukoll jirriżultaw. Pero il-Qorti sejra tiċħad it-talba għar-revoka ta' dawn id-digrieti apparti mill-fatt li jirriżultalha illi d-digriet tat-13 ta' Awwissu 2019 m'għadux iktar fis-seħħ. Inoltre, dwar it-talba għall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-

---

[1] Xhieda ta' **Johan Mizzi** a fol 107 (u ara fol 55), xhieda ta' **Raymond Ciantar** a fol 100 (u ara fol 67) u xhieda ta' **James Cosaitis** a fol 116 (u ara fol 34).
[2] Fosthom Dok EH1 sa' EH 18 a fol 34, Dok EH1 a fol 47 u Dok EHZ a fol 74
[3] Fol 28-30
[4] Fol 118
[5] Digriet tal-Onor. Maġistrat Dr. Rachel Montebello mogħti fis-27 ta' Diċembru 2018 a fol 35 u digriet tal-Onor. Maġistrat Dr. Astrid May Grima mogħti fil-11 ta' Frar 2019

sommom ta' € 18,000 u € 7,500 rispettivament, il-Qorti tara li fil-mori ta' din il-kawża bl-emendi li daħlu fil-liġi (bis-saħħa tal-Att XXIX tal-2021), senjatament fl-Art. 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, jista' jibbenefika l-imputat peress illi l-Qorti tista' tordna konfiska parzjali (minflok sħiħa) tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tenut kont li r-reat mhuwiex wieħed daqstant gravi.

Fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva l-Prosekuzzjoni teħtieġ minimament li tressaq:

1. prova dwar il-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputat (inter alia permezz tal-esebizzjoni ta' vera kopja tas-sentenza/i in kwistjoni),
2. prova dwar il-konnotati (li għandhom ikunu preżenti fis-sentenza/i esebita/i), u
3. prova dwar li s-sentenzi jkunu tabilħaqq għaddew in ġudikat u li f'każ ta' imposizzjoni ta' multa, li l-multa tkun effettivament tħallset.

Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna l-fedina penali waħedha m'hijiex suffiċjenti sabiex tissodisfa din il-prova iżda tiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kkalibrata l-piena:

> ***« Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …. »*** **(Il-Pulizija v. Jason James Agius - Qorti tal-Appell Kriminali, 105/2001 PV, 05/11/2001)**

> ***« Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkużata bir-recidiva. »*** **(Il-Pulizija v. Joseph Zahra - Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 272/2002 VDG, 24/02/2003)**

F'din l-aħħar sentenza intqal ukoll mill-Prim' Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano illi:

> ***« il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhiex tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-mod kif din tikkonduci l-prosekuzzjonijiet taghha. M'ghandhiex lanqas, ghax sentenza precedenti kontra l-istess individwu tkun inghatat minn dik il-Qorti presjeduta mill-istess Magistrat, tissostitwixxi dik il-konoxxenza ghall-htiega tal-prosekuzzjoni li tipprova anke l-imputazzjoni tar-recidiva beyond reasonable doubt kif suespost. »***

F'din il-kawża l-Prosekuzzjoni esebiet oltre l-fedina penali tal-imputat, vera kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fit-13 ta' Novembru 2017[6] u vera kopja ta' sentenza oħra ta' sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fil-11 ta' Lulju 2017.[7] Għalkemm tressqu provi suffiċjenti dwar il-kundanni preċedenti u dwar il-konnotati, madanakollu ma' tressqet l-ebda prova li l-sentenzi in kwistjoni għaddew in ġudikat. Għalhekk il-Qorti m'hijiex ser issib lill-imputat reċidiv skond il-liġi.

Il-Qorti fil-piena li ser tinfliġġi ser tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kif deskritti mill-imputat u mix-xhud tiegħu in mitigazzjoni, pero ser tikkunsidra ukoll il-fatt illi l-impatt kien wieħed konsiderevoli fi triq pjuttost dejqa, li l-imputat ġie jaqa' u jqum u baqa' sejjer u li għalkemm infaċċjat b'sitwazzjoni ta' emerġenza l-imputat kellu toroq oħra, inqas drastiċi, sabiex jitlob l-għajnuna.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65, ir-Regolament 67(1) tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11), l-Artikoli 328(d) u 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha (fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-ħtija hija ta' sewqan b'manjiera bla kont) u qed tikkundannah iħallas multa fis-somma ta' tmien mitt euro (€800) pagabbli f'għaxar (10) pagamenti mensili ugwali (ai termini tal-Kap. 9 Art. 14(2)). Il-Qorti tiċħad it-talba għar-revoka tad-digrieti tal-ħelsien mill-arrest iżda tordna li fir-rigward tad-digriet tas-27 ta' Diċembru 2018 tiġi konfiskata s-somma ta'**

---

[6] Fol 39
[7] Fol 51

**mija u ħamsin euro (€150) favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti tiċħad ukoll it-talba sabiex issib lill-imputat reċidiv.**

**B'żieda mal-piena fuq imposta, peress li l-Qorti tqis li l-aġir tal-imputat kien wieħed konsistenti fi traskuraġni kbira (*"reckless driving"*), qed tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tlett (3) xhur.**

**V.G. Axiak** | **Y.M. Pace**

**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**